



Brussell, 14 ta' Lulju 2025
(OR. en)

11573/25

DRS 70

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

| | |
|-------------------|--|
| minn: | Is-Segretarju Ĝeneralu tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur |
| data meta waslet: | 11 ta' Lulju 2025 |
| lil: | Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ĝeneralu tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | C(2025) 4812 final |
| Suġġett: | REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta'11.7.2025 li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2023/2772 fir-rigward tal-posponiment tad-data tal-applikazzjoni tar-rekwiżiti ta' divulgazzjoni għal ċerti impriżi |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2025) 4812 final.

Mehmuż: C(2025) 4812 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 11.7.2025
C(2025) 4812 final

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'11.7.2025

**li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2023/2772 fir-rigward tal-posponiment tad-data
tal-applikazzjoni tar-rekwiżiti ta' divulgazzjoni għal ċerti impriżi**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT

Fir-rapport tiegħu dwar “il-Futur tal-Kompetittività Ewropea”¹, Mario Draghi saħaq fuq il-bżonn li l-Unjoni Ewropea toħloq xenarju regolatorju li jiffaċilita l-kompetittività u r-reżiljenza, u xeħet lenti fuq il-kostijiet tal-piż u tal-konformità maħluqa mid-Direttiva (UE) 2022/2464 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (“id-Direttiva dwar ir-Rappurtar Korporattiv dwar is-Sostenibbiltà” jew “CSRD”, Corporate Sustainability Reporting Directive)² fost leġiżlazzjonijiet oħra. Fid-Dikjarazzjoni ta’ Budapest dwar il-Patt Ġdid dwar il-Kompetittività Ewropea³, il-Kapijiet ta’ Stat u ta’ Gvern tal-UE appellaw għal “rivoluzzjoni ta’ simplifikazzjoni, niżguraw qafas regolatorju ċar, semplice u intelliġenti għan-negozji u nnaqqsu b’mod drastiku l-piżjiet amministrattivi, regolatorji u ta’ rapportar, b’mod partikolari għall-SMEs”. Huma appellaw lill-Kummissjoni biex tfassal proposti konkreti biex tnaqqas ir-rekwiżiti ta’ rapportar b’mill-inqas 25 % fl-ewwel nofs tal-2025.

Fil-Komunikazzjoni tagħha intitolata “Boxxla għall-Kompetittività tal-UE”⁴, il-Kummissjoni kkonfermat li se tipproponi l-ewwel “Pakkett ta’ Simplifikazzjoni Omnibus” li jkun jinkludi simplifikazzjoni estensiva fl-oqsma tar-rapportar dwar il-finanzi sostenibbli, id-diliġenza dovuta fir-rigward tas-sostenibbiltà u t-tassonomija. Fil-Komunikazzjoni tagħha bit-titlu “Ewropa aktar semplice u rapida: Komunikazzjoni dwar l-implementazzjoni u s-simplifikazzjoni”⁵, il-Kummissjoni stabbiliet aġenda ta’ implementazzjoni u simplifikazzjoni li twassal għal titjib rapidu u viżibbli għan-nies u n-negozji fil-prattika, li tirrikjedi aktar minn approċċ inkrementali, u enfasizzat il-ħtieġa għal azzjoni determinata biex jiġu razzjonalizzati u ssimplifikati r-regoli tal-Unjoni, ir-regoli nazzjonali u dawk reġjonali.

Is-CSRD daħlet fis-seħħ fil-5 ta’ Jannar 2023. Saħħet u mmodernizzat ir-rekwiżiti ta’ rapportar korporattiv dwar is-sostenibbiltà permezz ta’ modifiki għad-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (“id-Direttiva dwar il-Kontabilità”)⁶, id-Direttiva 2004/109/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (“id-Direttiva dwar it-Trasparenza”)⁷, id-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (“id-Direttiva dwar l-Auditjar”)⁸

¹ “The future of European competitiveness”, Settembru 2024.

² Id-Direttiva (UE) 2022/2464 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta’ Diċembru 2022 li temenda r-Regolament (UE) Nru 537/2014, id-Direttiva 2004/109/KE, id-Direttiva 2006/43/KE u d-Direttiva 2013/34/UE, fir-rigward tar-rapportar korporattiv dwar is-sostenibbiltà (ĠU L 322, 16.12.2022, p. 15, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2022/2464/oj>).

³ Id-Dikjarazzjoni ta’ Budapest dwar il-Patt Ġdid dwar il-Kompetittività Ewropea, it-8 ta’ Novembru 2024.

⁴ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċċali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, COM (2025) 30 final: Boxxla għall-Kompetittività tal-UE.

⁵ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċċali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, COM (2025) 47 final: Ewropa aktar semplice u rapida: Komunikazzjoni dwar l-implementazzjoni u s-simplifikazzjoni.

⁶ Id-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta’ Ġunju 2013 dwar id-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali, id-dikjarazzjonijiet finanzjarji kkonsolidati u r-rapporti relatati ta’ ċerti tipi ta’ imprezi, u li temenda d-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttivi tal-Kunsill 78/660/KEE u 83/349/KEE (ĠU L 182, 29.6.2013, p. 19, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2013/34/oj>).

⁷ Id-Direttiva 2004/109/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta’ Diċembru 2004 dwar l-armonizzazzjoni tar-rekwiżiti ta’ trasparenza f’dak li għandu x’jaqsam ma’ informazzjoni dwar emittenti li t-titoli tagħhom huma ammessi għall-kummerċ f’suq regolat u li temenda d-Direttiva 2001/34/KE (ĠU L 390, 31.12.2004, p. 38, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2004/109/oj>).

⁸ Id-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta’ Mejju 2006 dwar il-verifikasi statutorji tal-kontijiet annwali u tal-kontijiet konsolidati, li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 78/660/KEE u

u r-Regolament (UE) Nru 537/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (“ir-Regolament dwar l-Awditjar”)⁹. Is-CSRD hija element importanti tal-Patt Ekoloġiku Ewropew¹⁰ u tal-Pjan ta’ Azzjoni dwar il-Finanzi Sostenibbli¹¹. Għandha l-għan li tiżgura li l-investituri jkollhom l-informazzjoni li jeħtieġu biex jifhmu u jimmaniġġjaw ir-riskji li d-destinatarji ta’ investiment huma esposti għalihom, mit-tibdil fil-klima u kwistjonijiet oħra ta’ sostenibbiltà. Għandha wkoll l-għan li tiżgura li l-investituri u partijiet ikkonċernati oħra jkollhom l-informazzjoni li jeħtieġu dwar l-impatti tad-destinatarji ta’ investiment fuq in-nies u l-ambjent. B’hekk tikkontribwixxi għall-istabbiltà finanzjarja u l-integrità ambjentali. Din hija kundizzjoni neċċessarja biex ir-riżorsi finanzjarji jgħaddu għand impriżi li jfittxu li jilħqu għanijiet ta’ sostenibbiltà u toħloq aktar responsabbiltà u trasparenza lejn il-partijiet ikkonċernati kollha fir-rigward tal-prestazzjoni tal-imprizzi mil-lat ta’ sostenibbiltà.

Is-CSRD tirrikjedi li l-impriżi li jaqgħu fil-kamp ta’ applikazzjoni jirrapportaw informazzjoni dwar is-sostenibbiltà f’konformità mal-Istandards Ewropej tar-Rapportar dwar is-Sostenibbiltà (ESRS, European Sustainability Reporting Standards), li huma stabbiliti fl-Anness I tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/2772¹². Dawk l-ESRS mhumiex speċifiċi għal settur wieħed, li jfisser li għandhom jiġu applikati mill-impriżi kollha li jaqgħu fil-kamp ta’ applikazzjoni, indipendentement mis-settur tal-ekonomija li fiha topera l-impriża.

Biex jgħin lill-impriżi jaġġustaw għar-reġim il-ġdid ta’ rapportar, l-ewwel sett ta’ ESRS jiġi speċifika li xi wħud mir-rekwiżiti ta’ rapportar jiġu introdotti gradwalment maż-żmien¹³. Dan ifisser li xi informazzjoni li l-impriżi jridu jirrapportaw jeħtieġ li tiġi rrapportata biss mit-tieni jew mit-tielet sena li fiha japplikaw l-istandardi. Xi wħud minn dawk id-dispożizzjonijiet ta’ introduzzjoni gradwali japplikaw għall-impriżi kollha fil-kamp ta’ applikazzjoni tas-CSRD u xi wħud japplikaw biss għall-impriżi li jaqgħu fil-kamp ta’ applikazzjoni li għandhom sa 750 impjegat. B’mod partikolari, l-impriżi b’massimu ta’ 750 impjegat jistgħu, fost affarrijiet oħra, iħallu barra l-punti tad-data kollha mill-istandardi topiċi li ġejjin għall-ewwel sentejn li fihom ikunu meħtieġa japplikaw l-istandardi: ESRS E4 (Bijodiversità u ekosistemi), ESRS S2 (Ħaddiema fil-katina tal-valur), ESRS S3 (Komunitajiet affettwati) u ESRS S4 (Konsumaturi u utenti finali). Barra minn hekk, jistgħu jħallu barra l-punti tad-data kollha mill-ESRS S1 (Forza tax-xogħol propria) għall-ewwel sena biss li fiha japplikaw l-istandardi. L-ewwel sett tal-ESRS jinkludi wkoll salvagħwardja li tipprevedi li, meta impriża b’massimu ta’ 750 impjegat tuża dawk l-eżenzjonijiet temporanji għal standard topiku komplut, trid xorta waħda tirrapporta ċertu informazzjoni fil-qosor dwar is-suġġett inkonċernat jekk l-impriża tkun ikkonkludiet li s-suġġett inkwistjoni huwa materjali.

Is-CSRD bħalissa hija skedata li tapplika għal impriżi kbar, għal SMEs b’titoli kkwoġati fis-swieq regolati fl-Unjoni, għal impriżi omm ta’ grupp kbar, u għal emittenti li jappartjenu għal dawk il-kategoriji ta’ impriżi. Id-data tal-applikazzjoni tar-rekwiżiti ta’ rapportar introdotti

⁹ 83/349/KEE u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 84/253/KEE (ĠU L 157, 9.6.2006, p. 87, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2006/43/oj>).

¹⁰ Ir-Regolament (UE) Nru 537/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta’ April 2014 dwar rekwiżiti speċifiċi dwar l-awditjar statutorju ta’ entitajiet ta’ interessa pubbliku u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/909/KE (ĠU L 158, 27.5.2014, p. 77, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2014/537/oi>).

¹¹ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni, “Il-Patt Ekoloġiku Ewropew”, COM(2019) 640 final.

¹² Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni “Pjan ta’ Azzjoni: Il-Finanzjament tat-Tkabbir Sostenibbli”, COM/2018/097 final.

¹³ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/2772 tal-31 ta’ Lulju 2023 li jissupplimenta d-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandardi tar-rapportar dwar is-sostenibbiltà (ĠU L, 2023/2772, 22.12.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2023/2772/oi).

¹⁴ Il-lista tal-introduzzjoni gradwali hija ppreżentata fl-Appendiċi C tal-ESRS 1, fl-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2023/2772.

mis-CSRD tīgi introdotta gradwalment, skont il-kategoriji differenti ta' impriżi. Fl-ewwel mewġa, entitajiet ta' interess pubbliku kbar b'aktar minn 500 impjegat iridu jirrapportaw għall-ewwel darba fl-2025 għas-sena finanzjarja 2024 (impriżi "tal-ewwel mewġa")¹⁴. Fit-tieni mewġa, impriżi kbar oħra jridu jirrapportaw fl-2026 għas-sena finanzjarja 2025 (impriżi "tat-tieni mewġa")¹⁵. Fit-tielet mewġa, l-SMEs b'titoli kkwotati fis-swieq regolati fl-Unjoni jridu jirrapportaw fl-2027 għas-sena finanzjarja 2026, għalkemm għandhom il-possibbiltà ta' nonparteċipazzjoni fir-rapportar għas-snin finanzjarji 2026 u 2027 (impriżi "tat-tielet mewġa")¹⁶. Fir-raba' mewġa, ċerti impriżi mhux tal-Unjoni li għandhom negozju fit-territorju tal-Unjoni li jaqbeż ċerti livelli limiti jridu jirrapportaw fl-2029 għas-sena finanzjarja 2028¹⁷.

Is-CSRD issa qiegħda tīgi implimentata f'kuntest ġdid u diffiċli. Il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna wasslet għal żieda fil-prezzijiet tal-enerġija għall-impriżi fl-Unjoni. Ix-xenarju ġeopolitiku qiegħed jevolvi malajr. L-approċċ differenti meħud minn xi ġuriżdizzjonijiet ewlenin oħra fir-rigward tar-regolamentazzjoni tar-rapportar korporattiv dwar is-sostenibbiltà jqajjem mistoqsijiet dwar l-effetti tas-CSRD fuq il-pożizzjoni kompetittiva tal-impriżi tal-Unjoni. L-abbiltà tal-Unjoni li tippreserva u tipproteġi l-valuri tagħha tiddependi fost affarrijiet oħra fuq il-kapaċità tal-ekonomija tagħha li tadatta u tikkompeti f'kuntest ġeopolitiku instabbi u xi minn daqqiet ostili.

Fis-26 ta' Frar, il-Kummissjoni għalhekk adottat pakkett tal-hekk imsejħa proposti "omnibus" maħsuba biex inaqqsu l-piż amministrattiv fuq l-impriżi u biex jaġħtu spinta lit-tkabbir u l-investiment. Dan kien jinkludi Proposta¹⁸ biex jiġu emendati ċerti dispożizzjonijiet tas-CSRD u tad-Direttiva (UE) 2024/1760 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ("id-Direttiva dwar id-Diliġenza Dovuta Korporattiva dwar is-Sostenibbiltà" jew "CSDDD", Corporate Sustainability Due Diligence Directive)¹⁹. Fil-każ tas-CSRD, l-emendi proposti jinkludu l-applikazzjoni tar-rekwiżiti ta' rapportar biss għal impriżi kbar b'aktar minn 1 000 impjegat, u b'hekk jitnaqqas l-għadd ta' impriżi soġġetti għar-rekwiżiti b'madwar 80 %.

Fl-istess waqt, il-Kummissjoni impejnat ruħha li tadotta att delegat li jirrevedi u jissimplifika l-ewwel sett ta' ESRS. Dik ir-reviżjoni, fost affarrijiet oħra, se tnaqqas b'mod sostanzjali l-

¹⁴ Kif ukoll entitajiet ta' interess pubbliku li huma impriżi omm ta' grupp kbir b'aktar minn 500 impjegat, għar-rapportar konsolidat dwar is-sostenibbiltà. "Entitajiet ta' Interess Pubbliku" huma definiti mill-Artikolu 2, il-punt (1) tad-Direttiva dwar il-Kontabilità bħala impriżi li huma: (a) irregolati mil-liġi ta' Stat Membru u li t-titoli trasferibbi tagħhom huma ammessi għan-negozju f'suq regolat tal-UE; (b) istituzzjonijiet ta' kreditu; (c) impriżi tal-assigurazzjoni; jew (d) innominati mill-Istati Membri bħala entitajiet ta' interessa pubbliku. "Impriżi kbar" huma definiti mill-Artikolu 3(4) tad-Direttiva dwar il-Kontabilità bħala impriżi li fid-dati tal-karta tal-bilanċi tagħhom jaqbżu ta' lanqas tnejn mit-tliet kriterji li ġejjin: (a) it-total tal-karta tal-bilanċi: EUR 25 000 000; (b) il-fatturat nett: EUR 50 000 000; (c) medja ta' impjegati matul is-sena finanzjarja: 250.

¹⁵ Kif ukoll l-impriżi omm l-oħra ta' grupp kbar, għar-rapportar konsolidat dwar is-sostenibbiltà.

¹⁶ L-istituzzjonijiet ta' kreditu żgħar u mhux kumplessi, u l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni kaptivi, huma wkoll parti mit-tielet mewġa, għalkemm jistgħu jużaw in-nonparteċipazzjoni addizzjonali ta' sentejn biss jekk ikunu SMEs ikkwotati.

¹⁷ Skont l-Artikolu 40a tad-Direttiva dwar il-Kontabilità, kif emendata bis-CSRD, impriża mhux stabbilita fl-UE trid tirrapporta informazzjoni dwar is-sostenibbiltà fil-livell tal-grupp jekk (a) tiġġenera aktar minn EUR 150 miljun fl-Unjoni u (b) ikollha sussidjarja fl-UE li tkun soġġetta għar-rekwiżiti ta' rapportar dwar is-sostenibbiltà introdotti mis-CSRD jew ikollha fergħa tal-UE li tkun iġġenerat aktar minn EUR 40 miljun. F'dan il-każ, l-obbligu legali li jiġi ppubblifikat ir-rapport jaqa' fuq is-sussidjarja jew il-fergħa tal-UE.

¹⁸ Il-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttivi 2006/43/KE, 2013/34/UE, (UE) 2022/2464 u (UE) 2024/1760 fir-rigward ta' ċerti rekwiżiti ta' rapportar u ta' diliġenza dovuta korporattivi dwar is-sostenibbiltà (COM(2025) 81 final).

¹⁹ Id-Direttiva (UE) 2024/1760 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2024 dwar id-diliġenza dovuta tas-sostenibbiltà korporattiva u li temenda d-Direttiva (UE) 2019/1937 u r-Regolament (UE) 2023/2859 (ĠU L, 2024/1760, 5.7.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2024/1760/oj>).

għadd ta' punti tad-data li jrid jiġi rrapporat, tipprovdi struzzjonijiet aktar ċari dwar kif għandu jiġi applikat il-prinċipju tal-materjalità, u tissimplifika l-istruttura u l-preżentazzjoni tal-ESRS. Il-Kummissjoni għandha l-ġhan li tadotta l-att delegat meħtieġ mill-aktar fis-possibbli, u mhux aktar tard minn 6 xhur wara d-dħul fis-seħħ tad-Direttiva li temenda s-CSRD.

Il-Proposta “omnibus” inkludiet ukoll Proposta leġiżlattiva separata li tiddifferixxi b’sentejn id-data sa meta l-Istati Membri jridu jaapplikaw il-miżuri meħtieġa għall-impriżi tat-tieni mewġa u tat-tielet mewġa biex jikkonformaw mar-rekwiżiti ta’ rapportar tas-CSRD (l-hekk imsejħa Proposta “stop-the-clock”)²⁰. Dik il-Proposta leġiżlattiva għet adottata mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill mingħajr modifikasi sinifikanti u daħlet fis-seħħ fis-17 ta’ April 2025²¹.

Il-Proposta “stop-the-time”, kif adottata, ma tipposponix ir-rekwiżiti ta’ rapportar għall-impriżi tal-ewwel mewġa. Dawk l-impriżi għadhom meħtieġa jirrapportaw fl-2025 informazzjoni dwar is-sena finanzjarja 2024. Skont il-Proposta tal-Kummissjoni biex tīgħi emendata s-CSRD, xi impriżi tal-ewwel mewġa fil-futur ma jibqgħux soġġetti għar-rekwiżiti ta’ rapportar. Il-Proposta “stop-the-time”, kif adottata, ma tipposponix ir-rekwiżiti ta’ rapportar għal tali impriżi. F’dak il-kuntest il-ġdid, id-dispożizzjonijiet ta’ introduzzjoni gradwali li jinsabu fl-ESRS eżistenti joħolqu żewġ problemi. L-ewwel nett, l-impriżi tal-ewwel mewġa li ma jibqgħux soġġetti għar-rekwiżiti ta’ rapportar skont il-Proposta tal-Kummissjoni xorta waħda sejkollhom l-ewwel jirrapportaw informazzjoni addizzjonali għas-snin finanzjarji 2025 u 2026. Mhuwiex meqjus raġonevoli li l-impriżi jintalbu jirrapportaw informazzjoni addizzjonali meta hemm prospettiva realistika li sussegwentement ma jkollhom għalfnejn jirrapportaw ebda informazzjoni. It-tieni, l-impriżi tal-ewwel mewġa sejkollhom jissodisfaw ir-rekwiżiti ta’ rapportar addizzjonali għas-snin finanzjarji 2025 u 2026, minkejja li l-ESRS rivedut u ssimplifikat jista’ sussegwentement jimmodifika dawk l-istess rekwiżiti.

Barra minn hekk, il-fatt li impriżi tal-ewwel mewġa b’aktar minn 750 impjegat ma jistgħux jibbenefikaw mill-istess dispożizzjonijiet ta’ introduzzjoni gradwali bħal impriżi oħra tal-ewwel mewġa jista’ jitqies li jmur kontra l-imperattiv tat-tnaqqis tal-piż, speċjalment fil-każ ta’ dawk ir-rekwiżiti ta’ divulgazzjoni fl-ESRS li huma l-aktar diffikultu għall-impriżi. Dan jirreferi b’mod partikolari għar-rekwiżiti li għalihom id-dispożizzjoni korrispondenti ta’ introduzzjoni gradwali għal impriżi b’massimu ta’ 750 impjegat tapplika għal sentejn minflok sena biss, jiġifieri l-istandardi topiċi ESRS E4 (Bijodiversità u ekosistemi), ESRS S2 (Ħaddiema fil-katina tal-valur), ESRS S3 (Komunitajiet affettwati) u ESRS S4 (Konsumaturi u utenti finali).

L-aqwa mezz biex jiġu indirizzati dawk il-problemi huwa li:

- l-ebda impriżza tal-ewwel mewġa ma tkun meħtieġa tiddivulga informazzjoni addizzjonali fit-tieni jew fit-tielet sena li tkun ilha tapplika l-ESRS lil hinn minn dak li kellha tiddivulga fl-ewwel sena; u
- dawk id-dispożizzjonijiet ta’ introduzzjoni gradwali li bħalissa jaapplikaw għal sentejn għal impriżi b’massimu ta’ 750 impjegat jiġi estiżi għall-impriżi tal-ewwel mewġa b’aktar minn 750 impjegat.

²⁰ Il-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttivi (UE) 2022/2464 u (UE) 2024/1760 fir-rigward tad-dati minn meta l-Istati Membri għandhom jaapplikaw ċerti rekwiżiti ta’ rapportar korporattiv dwar is-sostenibbiltà u d-diliġenza dovuta (COM(2025) 80 final).

²¹ Id-Direttiva (UE) 2025/794 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta’ April 2025 li temenda d-Direttivi (UE) 2022/2464 u (UE) 2024/1760 fir-rigward tad-dati minn meta l-Istati Membri għandhom jaapplikaw ċerti rekwiżiti ta’ rapportar korporattiv dwar is-sostenibbiltà u ta’ diliġenza dovuta tas-sostenibbiltà korporattiva (ĠU L, 2025/794, 16.4.2025, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2025/794/oj>).

Għalhekk, din il-Proposta għal att delegat tiddifferixxi b'sentejn ir-rekwiżiti ta' rapportar addizzjonal li l-impriżi tal-ewwel mewġa jkollhom kieku jissodisfaw għas-snin finanzjarji 2025 u 2026, u testendi għall-impriżi kollha tal-ewwel mewġa d-dispożizzjonijiet ta' introduzzjoni gradwali fir-rigward tal-ESRS E4 (Bijodiversità u ekosistemi), ESRS S2 (Ħaddiema fil-katina tal-valur), ESRS S3 (Komunitajiet affettwati) u ESRS S4 (Konsumaturi u utenti finali) li bħalissa japplikaw biss għall-impriżi tal-ewwel mewġa b'massimu ta' 750 impjegat. Testendi wkoll għall-impriżi kollha tal-ewwel mewġa d-dispożizzjoni ta' salvagwardja li tipprevedi li, meta impriżza tuża dawk l-eżenzjonijiet temporanji għal standard topiku komplut, għandha xorta waħda tirrapporta ċertu informazzjoni fil-qosor dwar is-suġġett ikkonċernat jekk l-impriża tkun ikkonkludiet li s-suġġett inkwistjoni huwa materjali.

Sa dak iż-żmien li l-impriżi jridu jirrapportaw għas-sena finanzjarja 2027, huwa mistenni li r-reviżjoni u s-simplifikazzjoni ġenerali tal-ESRS ikunu tlestell, u li d-Direttiva li temenda s-CSRD, inklużi d-dispożizzjonijiet li jistabbilixxu liema impriżi huma soġġetti għar-rekwiżiti ta' rapportar, tkun daħlet fis-seħħ.

2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT

Fit-30 ta' Mejju 2025, il-Kummissjoni kkonsultat lill-Istati Membri dwar abbozz ta' verżjoni ta' dan l-att delegat matul laqgħa konġunta tal-Grupp ta' Esperti tal-Istati Membri dwar il-Finanzi Sostenibbli u l-Kumitat Regolatorju tal-Kontabilità.²² Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri li esprimew opinjoni ħeġġew lill-Kummissjoni biex ma tirrikjedi l-ebda impriżza tal-ewwel mewġa li tiddivulta informazzjoni addizzjonal fit-tieni jew fit-tielet sena tal-applikazzjoni tal-ESRS u biex tikkunsidra li testendi għall-impriżi kollha tal-ewwel mewġa d-dispożizzjonijiet ta' introduzzjoni gradwali li bħalissa japplikaw biss għal impriżi b'massimu ta' 750 impjegat.

3. ELEMENTI LEGALI TAL-ATT DELEGAT

Dan l-att delegat huwa bbażat fuq l-Artikolu 29b(1), l-ewwel subparagrafu, tad-Direttiva dwar il-Kontabilità.

Jemenda l-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2023/2772 dwar l-ewwel sett ta' ESRS kif ġej:

- (a) jissostitwixxi l-Appendiċi C tal-ESRS 1 biex jippermetti lill-impriżi meħtieġa jirrapportaw dwar is-sostenibbiltà mis-sena finanzjarja 2024 (l-hekk imsejħa “impriżi tal-ewwel mewġa”) biex ma jirappurtawx l-informazzjoni dwar is-sostenibbiltà li ġejja sas-sena finanzjarja 2027 (minflok sas-sena finanzjarja 2025 jew 2026):
- l-informazzjoni preskritta mill-ESRS 2 SBM-3 il-paragrafu 48(e) (effetti finanzjarji antiċipati);
 - il-punti tad-data dwar l-emissjonijiet tal-ambitu 3 u l-emissjonijiet totali ta' gassijiet serra, għall-impriżi jew għall-gruppi li fid-dati tal-karta tal-bilanċ tagħhom ma jaqbżux l-għadd medju ta' 750 impjegat matul is-sena finanzjarja (fuq bażi konsolidata fejn applikabbli);
 - l-informazzjoni preskritta mill-ESRS E1-9;
 - l-informazzjoni preskritta mill-ESRS E2-6;
 - l-informazzjoni preskritta mill-ESRS E3-5;

²² Kif meħtieġ mill-Artikolu 49(3b), ir-raba' subparagrafu, tad-Direttiva dwar il-Kontabilità.

- l-informazzjoni spċifikata fir-rekwiżiti ta' divulgazzjoni tal-ESRS E4;
 - l-informazzjoni preskritta mill-ESRS E5-6;
 - l-informazzjoni spċifikata fir-rekwiżiti ta' divulgazzjoni tal-ESRS S1, għal impriżi jew gruppi li fid-dati tal-karta tal-bilanċ tagħhom ma jaqbżux l-għadd medju ta' 750 impjegat matul is-sena finanzjarja (fuq bażi konsolidata fejn applikabbli);
 - il-punti tad-data kollha fl-ESRS S1-7;
 - l-informazzjoni preskritta mill-ESRS S1-8;
 - l-informazzjoni preskritta mill-ESRS S1-11;
 - l-informazzjoni preskritta mill-ESRS S1-12;
 - l-informazzjoni preskritta mill-ESRS S1-13;
 - il-punti tad-data dwar każijiet ta' mard relataż max-xogħol u dwar l-għadd ta' jiem mitlufa minħabba korimenti, aċċidenti, fatalitajiet u mard relataż max-xogħol fl-ESRS S-14;
 - l-informazzjoni relatata ma' dawk li mhumiex impjegati fl-ESRS S-14;
 - l-informazzjoni preskritta mill-ESRS S1-15;
 - ir-rekwiżiti kollha ta' divulgazzjoni fl-ESRS S2;
 - ir-rekwiżiti kollha ta' divulgazzjoni fl-ESRS S3;
 - ir-rekwiżiti kollha ta' divulgazzjoni fl-ESRS S4;
- (b) jemenda l-ESRS 2, it-Taqsima 17, biex jirrikjedi li l-impriżi jew il-gruppi kollha li jużaw l-eżenzjonijiet temporanji għal standard topiku komplut f'konformità mal-Appendiċi C tal-ESRS 1, inkluż l-ewwel mewġa ta' impriżi jew gruppi b'aktar minn 750 impjegat, jirrapportaw ġertu informazzjoni fil-qosor dwar is-suġġett ikkonċernat jekk l-impriża jew il-grupp ikun ikkonkluda li s-suġġett inkwistjoni huwa materjali.

Dan l-att delegat emendorju jenħtieġ li japplika għas-snin finanzjarji li jibdew fl-1 ta' Jannar 2025 jew wara

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'11.7.2025

li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2023/2772 fir-rigward tal-posponiment tad-data tal-applikazzjoni tar-rekwiżiti ta' divulgazzjoni għal ċerti imprezzi

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar id-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali, id-dikjarazzjonijiet finanzjarji kkonsolidati u r-rapporti relatati ta' ċerti tipi ta' imprezzi, u li temenda d-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttivi tal-Kunsill 78/660/KEE u 83/349/KEE²³, u b'mod partikolari l-Artikolu 29b(1), l-ewwel subparagrafu tagħha,

Billi:

- (1) Id-Direttiva (UE) 2022/2464 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁴ emendat id-Direttiva 2013/34/UE biex tintroduċi f'dik id-Direttiva ċerti rekwiżiti addizzjonali ta' rapportar dwar is-sostenibbiltà.
- (2) L-Appendiċi C tal-ESRS 1 (European Sustainability Reporting Standards) fl-Anness I tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/2772²⁵ jippermetti lil ċerti imprezzi jħallu barra mir-rapportar tagħhom ċerta informazzjoni dwar is-sostenibbiltà għall-ewwel sena, jew snin, tat-tħejjija tad-dikjarazzjoni dwar is-sostenibbiltà tagħhom.
- (3) Fis-26 ta' Frar 2025, il-Kummissjoni adottat il-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttivi 2006/43/KE, 2013/34/UE, (UE) 2022/2464 u (UE) 2024/1760 fir-rigward ta' ċerti rekwiżiti ta' rapportar u ta' diliġenza dovuta korporattivi dwar is-sostenibbiltà (“il-Pakkett ta’ Simplifikazzjoni Omnibus”)²⁶, li tipproponi, fost l-oħrajn, għadd ta’ emendi tar-rekwiżiti tar-rapportar dwar is-sostenibbiltà introdotti mid-Direttiva (UE) 2022/2464. B'mod partikolari, il-Kummissjoni tipproponi li tnaqqas l-għadd ta’ imprezzi soġġetti għal dawk ir-rekwiżiti ta’ rapportar dwar is-sostenibbiltà. Skont il-Proposta tal-Kummissjoni, imprezzi kbar biss b'aktar minn 1 000 impiegat jibqgħu soġġetti għar-rekwiżit li jirrapportaw informazzjoni dwar is-sostenibbiltà. Bħala parti minn dak il-Pakkett ta’

²³ ĠU L 182, 29.6.2013, p. 19, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2013/34/oj>.

²⁴ Id-Direttiva (UE) 2022/2464 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 li temenda r-Regolament (UE) Nru 537/2014, id-Direttiva 2004/109/KE, id-Direttiva 2006/43/KE u d-Direttiva 2013/34/UE, fir-rigward tar-rapportar korporattiv dwar is-sostenibbiltà (ĠU L 322, 16.12.2022, p. 15, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2022/2464/oj>).

²⁵ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/2772 tal-31 ta' Lulju 2023 li jissupplimenta d-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tar-rapportar dwar is-sostenibbiltà (ĠU L, 2023/2772, 22.12.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2023/2772/oj).

²⁶ Il-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttivi 2006/43/KE, 2013/34/UE, (UE) 2022/2464 u (UE) 2024/1760 fir-rigward ta' ċerti rekwiżiti ta' rapportar u ta' diliġenza dovuta korporattivi dwar is-sostenibbiltà, 26.2.2025 COM (2025) 81 final.

Simplifikazzjoni Omnibus, il-Kummissjoni pproponiet ukoll li temenda l-Artikolu 5 tad-Direttiva (UE) 2022/2464 biex tiddifferixxi d-dati minn meta l-Istati Membri jridu japplikaw ir-rekwiżiti ta' rapportar għal dawk l-impriżi li jkollhom jirrapportaw għall-ewwel darba għas-snin finanzjarji 2025 u 2026 (il-Proposta "stop-the-clock"). Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill adottaw dik il-Proposta "stop-the-clock" mingħajr modifikasi sostanzjali bħad-Direttiva (UE) 2025/794 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, li daħlet fis-seħħ fis-17 ta' April 2025²⁷. Madankollu, sabiex ma jiġix ippreġudikat l-eżitu tal-proċedura leġiżlattiva dwar il-Proposta tal-Kummissjoni biex jiġu emendati r-rekwiżiti ta' rapportar dwar is-sostenibbiltà, u b'mod partikolari d-dispożizzjonijiet li jistabbilixxu liema impriżi se jkunu soġġetti għar-rekwiżiti ta' rapportar fil-futur, id-Direttiva (UE) 2025/794 ma ddifferietx id-dati minn meta l-Istati Membri jridu japplikaw ir-rekwiżiti ta' rapportar għall-impriżi li jridu jirrapportaw għall-ewwel darba fir-rigward tas-sena finanzjarja 2024.

- (4) Skont l-iskeda ta' żmien eżistenti tal-Appendiċi C tal-ESRS 1 tal-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2023/2772, l-impriżi li jeħtieġ li jirrapportaw informazzjoni dwar is-sostenibbiltà digħi fir-rigward tas-sena finanzjarja 2024 se jkunu soġġetti għal introduzzjoni gradwali ulterjuri ta' diversi rekwiżiti ta' rapportar fir-rigward tas-snin finanzjarji 2025 u 2026. Barra minn hekk, l-impriżi b'aktar minn 750 impjegat mhux se jibbenfikaw mill-istess dispożizzjonijiet ta' introduzzjoni gradwali bħal impriżi oħra li huma soġġetti għar-rekwiżiti ta' rapportar dwar is-sostenibbiltà. Ma jkunx raġonevoli li l-impriżi jintalbu jikkonformaw ma' rekwiżiti ta' rapportar addizzjonali ġaladárba l-Kummissjoni għamlet Proposta biex tiżgura li dawk l-impriżi sussegwentement ma jkollhom għalfnejn jirrapportaw ebda informazzjoni. Barra minn hekk, ikun kontra l-objettiv tat-tnaqqis tal-piż tal-Pakkett ta' Simplifikazzjoni Omnibus li l-impriżi b'aktar minn 750 impjegat ma jitħallewx jibbenfikaw mill-istess dispożizzjonijiet ta' introduzzjoni gradwali bħal impriżi oħra li huma soġġetti għar-rekwiżiti ta' rapportar dwar is-sostenibbiltà, speċjalment għal dawk ir-rekwiżiti ta' rapportar dwar is-sostenibbiltà li huma l-aktar diffikultużi għall-impriżi, jiġifieri l-istandard topiċi ESRS E4 (Bijodiversità u ekosistemi), ESRS S2 (Ħaddiema fil-katina tal-valur), ESRS S3 (Komunitajiet affettwati) u ESRS S4 (Konsumaturi u utenti finali) li huma stabbiliti fl-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2023/2772.
- (5) Skont l-ESRS 2, il-paragrafu 17, tal-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2023/2772, impriżza jew grupp b'massimu ta' 750 impjegat li juża l-eżenzjonijiet temporanji f'konformità mal-Appendiċi C tal-ESRS 1 għal standard topiku komplut xorta waħda jrid jirrapporta ċertu informazzjoni fil-qosor dwar is-suġġett ikkonċernat jekk dik l-impriża jew il-grupp ikun ikkonkluda li s-suġġett inkwistjoni huwa materjali. Jekk l-eżenzjonijiet temporanji stabbiliti fl-Appendiċi C tal-ESRS 1 għal standard topiku komplut jenħtieġ li jkunu applikabbli wkoll minn impriżi b'aktar minn 750 impjegat, ikun meħtieġ — għal raġunijiet ta' konsistenza — li tintalab l-applikazzjoni tal-ESRS 2, il-paragrafu 17, minn kwalunkwe impriżza li tuża l-eżenzjonijiet temporanji f'konformità mal-Appendiċi C tal-ESRS, inklużi l-impriżi jew il-gruppi b'aktar minn 750 impjegat li jridu jirrapportaw mis-sena finanzjarja 2024.

²⁷ Id-Direttiva (UE) 2025/794 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' April 2025 li temenda d-Direttivi (UE) 2022/2464 u (UE) 2024/1760 fir-rigward tad-dati minn meta l-Istati Membri għandhom japplikaw ċerti rekwiżiti ta' rapportar korporattiv dwar is-sostenibbiltà u ta' diliġenza dovuta tas-sostenibbiltà korporattiva (ĠU L, 2025/794, 16.4.2025, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2025/794/oj>).

- (6) Għalhekk, huwa meħtieġ li tīgi adattata l-iskeda ta' żmien tal-introduzzjoni gradwali tal-Appendiċi C tal-ESRS 1 tal-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2023/2772, u li jiġi emendat il-paragrafu 17 tal-ESRS 2 ta' dak ir-Regolament Delegat, skont dan.
- (7) Sabiex l-impriżi kkonċernati jkunu jistgħu jibbenefikaw minn dak l-adattament mill-aktar fis possibbli, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.
- (8) Fit-30 ta' April 2025, il-Kummissjoni kkonsultat lill-Istati Membri dwar dan l-abbozz ta' att delegat waqt laqgħa konġunta tal-Grupp ta' Esperti tal-Istati Membri dwar il-Finanzi Sostenibbli u l-Kunitat Regolatorju tal-Kontabilità, f'konformità mar-rewiżi tal-Artikolu 49(3b), it-tielet subparagrafu, tad-Direttiva 2013/34/UE,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emendi tar-Regolament Delegat (UE) 2023/2772

L-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2023/2772 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Għandu japplika fir-rigward tas-snin finanzjarji li jibdew fl-1 ta' Jannar 2025 jew wara.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 11.7.2025

*Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN*